**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Alfredo Mangion)**

**vs**

**Abdulsalam Ben Hamed**

**Kumpilazzjoni 9/2019**

**Illum, 19 ta' Dicembru 2024**

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba kontra:

**Abdulsalam Ben Hamed iben Salem u Saida nee' Furgani, mwieled il-Libya nhar is-6 ta' Jannar 1973 u residenti l-Ewwel Kenn, Triq Matty Grima, Bormla u detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 20548A,**

Akkuzat talli nhar it-28 ta' Dicembru 2018 ghall-habta ta' 08:15hrs gewwa Triq l-Istabal Hal-Qormi u f'dawn il-Gzejjer:

1. Ikkommetta serq ta' vettura bin-numru ta' registrazzjoni DAU 536 ghad-dannu ta' Maria Concetta Casha u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra, liema serq huwa aggravat bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centenzmu (€232.94) izda mhux aktar minn l-elfejn tliett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centenzmu (€2329.37) kif ukoll bix-xorta tal-haga misrqua u dan bi ksur tal-Artikoli 261, 267 u 271 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Volontarjament hassar, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, cioe' l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni DAU 536 ghad-dannu ta' Maria Concetta Casha u/jew pesuni ohra u/jew entitajiet ohra, liema hsara ma tiskorix l-elfejn u hames mitt euro (€2500), izda aktar minn mitejn u hamsin euro (€250) u dan bi ksur tal-Artikolu 325(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli nhar l-4 ta' Jannar 2019 ghall-habta ta' 12:50hrs gewwa l-Ghassa tal-Pulizija ta' Hal-Qormi u f'dawn il-Gzejjer:

3. Waqt li kien arrestat harab mill-kustodja ta' PC 1329 Kevin Schembri, persuna li kienet inkarigata mill-kustodja tieghu u dan bi ksur tal-Artikoli 151 u 160 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. U aktar talli irrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gie misjub hati b'sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija titratta li l-imputat kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta' provizorja impost mill-Qorti Kriminali preseduta mill-Onor. Imhallef Edwina Grima LL.D. fl-10 ta' Ottubru 2018, f'dan li ma jikkommettix delitt iehor ta' natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest u dan taht depositu ta' €1,000 u garanzija personali ta' €10,000.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tirrevoka l-helsien mill-arrest tal-imsemmi Abdulsalam Ben Hamed u tordna l-arrest mill-gdid tal-imsemmi imputat kif ukoll tordna li s-somma ta' €1,000 depositu u s-somma ta' €10,000 bhala garanzija personali jghaddu favur il-Gvern ta' Malta kif hemm stipulat fl-Artikoli 579 (2)(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.[1]

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali a folio 10 tal-process.

Rat il-fedina penali tal-imputat a folio 13 sa 25 tal-process.

Rat li waqt is-seduta tas-6 ta' Jannar 2019 l-imputat wiegeb li mhux hati tal-akkuzi dedotti fil-konfront tieghu.[2]

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Semghet ix-xhieda.

Rat u qieset il-provi u dokumenti kollha prodotti.

---

[1] Folio 1- 2 tal-process.

[2] Folio 9 tal-process.

Semghet is-sottomissjonijiet finali tal-partijiet.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**
**Il-Fatti fil-Qosor.**

Dan il-kaz jirrelata dwar serq ta' vettura DAU 536 fit-28 ta' Dicembru 2018 ghad-dannu ta' Maria Concetta Casha u li ghamel hsara fuq l-imsemmija vettura. Barra minn dan qed jigi akkuzat li fl-4 ta' Jannar 2019 huwa harab mill-ghassa ta' Hal-Qormi u li hu recediv. Il-prosekuzzjoni qed titlob ir-revoka tal-helsien mill-arrest tieghu minhabba li hu kien fuq liberta' provizorja in konnessjoni ma' kaz iehor kif ukoll il-konfiska ta' elf Ewro depositu ta' ghaxar t'elef Ewro garanzija personali favur il-Gvern ta' Malta.

**Ikkunsidrat:**
**Provi**

Xehed **PS 918 Clayton Azzopardi** nhar l-14 ta' Jannar 2019 u jghid li fit- 3 ta' Jannar 2019 kien patrol u innota lill-imputat fi Triq is-Serkin il-Marsa. Hu kien jaf li qieghed bil-hinijiet ta' rinkarzar u infurmah li kiien qieghed taht arrest. Hu informa lill-kollegi u is-superjuri tieghu dwar l-arrest.[3] Jghid li saret search fuqu u ma tkessahx maghhom.

Xehed **PC 1329 Kevin Schembri** nhar l- 14 ta' Jannar 2019 jghid fl-4 ta' Jannar 2019 hu kien inghata struzzjonijiet mill-ispettur biex ikun skorta mal-imputat gewwa l-ghassa. Jghid li hu kien ftit il-gewwa mill-entratura u l-imputat kien bil-qieghda hdejh immanettjat. Ftit wara dahhlu xi nies u l-imputat harab minn gol-ghassa. Hu telaq jigri warajh

[3] Folio 39 tal-process.

pero‘ ma lahqux u harablu. Jghid li l-manetti li kien harab bihom jappartjenu lilu bin-numru serjali 617447.[4]

Xehed **PS 274 James Turner** nhar id-29 ta’ Jannar 2019 fejn qal li gie infurmat mill-ghassa ta’ Rahal il-Gdid li kienet qed tigi irrapurtata karrozza misruqa tat-tip Hilux DAU 536. Qal li s-sidien kienu qed ihottu xi fjuri u peres li hallew ic-cwievet go fih xi hadd dahal u harab bih.[5] Il-vettura ittellghet bhala wanted.

Xehed **Paul Casha** jghid li l-vettura kienet ipparkjata hdejn ic-cimiterju tat-Torok. Hu halla l-van bic-cavetta go fih. Jghid li l-van hu pick-up ahmar DAU 536. Jghid li min seraq il-van ma rahx. Meta induna li l-van ma kienx hemm cempel lil martu biex tinforma lill-pulizija.[6] Jghid li l-van instab Triq il-Parrocca, Mqabba. Jghid li l-van kien minghajr bonnett, minghajr faccata, minghajr iz-zewg fanali tal-gnub u minghajr batterija. Il-van ma setax jinstaq. Jghid li l-van illum irrangah. Hu ipprezenta l-ircevuta tal-oggetti.[7]

Xehed **PS 43 Keith Darmanin** nhar it-12 ta’ Frar 2019 fejn qal li fit-28 ta’ Dicembru 2018 gie certa Paul Casha fejn qal li cempillu xi hadd li l-van li irraporta nieqes kien fi Triq il-Parrocca, Imqabba. Jghid li gie Abraham Magri li kien sid il-garaxx fejn kien hemm il-van misruq ipparkjat. Jghid li huma marru jiccekjaw ic-CCTV li kienu fil-vicin. Hu gharaf il-persuna fil-filmat li kienet l-imputat.[8]

---

[4] Folio 46 tal-process.

[5] Folio 48 tal-process.

[6] Folio 58 tal-process.

[7] Folio 60 tal-process. Affarijiet irrangati tal-van wara li instab- Folio 64 tal-process.

[8] Folio 69 tal-process. Gew ezebiti vera kopja tas-sentenzi Ir-Repubblika ta’ Malta vs AbdulSalam Salem Ben Ahmed datat 23 ta’ Jannar 2012 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Folio 72 tal-process); Ir-Repubblika ta’ Malta vs Abdulsalam Salaem Ben Ahmed (Folio 83 tal-

Xehed **PC 1111 Braden Borg** fejn qal li kien assenjat li jiehu ritratti tal-vettura misruqa u ipprezenta r-rapport tieghu.[9]

Xehed **PC 1007 Jean Paul Pizzuto** li qal li hu gie moghti struzzjonijiet biex jigbed xi filmati mill-indirizz Michael ta' Geddesh Farm, Triq il-Parrocca, Mqabba u dan in relazzjoni ma' serqa ta' vettura.[10] Hu ikkonferma r-ritratti li nsabu fl-envelope mmarkata X a folio 71 tal-process.

Xehdet **Maria Concetta Casha** fejn iddeskriviet ic-cirkostanzi meta l-van insteraq. Tghid li l-perjodu tahseb li kien wara l-Milied u kien cemplilha zewgha Paul Casha. Il-van jghajjat lil binha Clive Ryan Casha u fuqu kellu miktub Casha Florist. Tghid li xi hadd cempel lil zewgha u qallu biex il-van ma jhallihx hemm.[11]

Xehdet **Abram Magri** nhar l-14 ta' Marzu 2019 jghid li f'Dicembru tas-sena l-ohra mar biex johrog il-vettura tieghu u sab van[12]. Kien van zarmat u cempel in-numru li kien hemm fuqu. Min qabdu qallu li l-vettura kienet misruqa, bonett ma kienx hemm, la bumper u lanqas batterija.

---

process) deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminal fil- 11 ta' Ottubru 2012; Il-Pulizija vs Abdulsalam Ben Hamad (Folio 93 tal-process) deciza minn din il-Qorti kif diversament ppreseduta fl- 24 ta' Jannar 2013.

[9] Folio 97A tal-process.

[10] Folio 110 tal-process.

[11] Folio 112 tal-process.

[12] Folio 117 tal-process.

Xehed **George Casha** li jghid li hu panel beater u qal li hadem fuq hafna affarijiet neqsin. Xtraw il-parts u poggewhom f'posthom. Jghid li huwa xtara l-parts. Hu ikkonferma l-ircevuta immarkata PC 2.[13]

Xedet **WPC 400 Maria Grixti** u tghid li kienet hija li irceviet ir-rapport minghand Maria Concetta Casha. Tispjega li ma kinitx involuta fl-investigazzjoni.[14]

Xehed **l-ex-Assistent Kummissarju Norbert Ciappara** fejn ikkonferma is-sentenzi ezebiti in atti u gharaf lill-imputat fl-awla.[15]

Xehed **l-iSpettur Alfredo Mangion** nhar id-29 ta' Marzu 2019 fejn spjega ir-rwol tieghu fl-investigazzjoni.[16] Jghid li fejn instab il-van kien hemm CCTV u minnu inhargu diversi ritratti a folio 71 tal-process. Hemm dehret persuna maskili liebsa gakketta sewda ghaddejja bil-mixi u li mill-hwejjeg setghet tigi identifikata li kienet l-istess tal-van. Hu gharaf lill-imputat prezenti fl-awla. Jghid li fit-3 ta' Jannar 2019 dan il-persuna gie arrestat fuq ksur tal-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest. Jghid li waqt li kien qed jistenna biex tittiehidlu stqarrija l-imputat harab mill-ghassa u inqabad fil-5 ta' Jannar 2019. Hu ha stqarrija l-ghada u waqt l-istqarrija l-imputat biddel il-verzjoni.

Xehed **PC 542 James Lomax** li jidpjega li kien xhud tal-istqarrija.[17]

---

[13] Folio 122 tal-process.

[14] Folio 125 tal-process.

[15] Folio 127 tal-process

[16] Folio 129 tal-process.

[17] Folio 135 tal-process.

Xehed **Stephen Cachia** u qal li l-vettura skond ir-records ta' Transport Malta kienet tghajjat lil Clive Ryan Casha u kien qed jixhed fuq DAU-536.[18]

Xehed **Clive Casha** u qal li l-vettura de quo hija tieghu u kien missieru li infurmah li kienet insterqet.[19]

Xehed **PC 702 Adrian Briffa** u qal li kien involut fit-tfittxija tal-imputat nhar il-5 ta' Jannar 2019. Kien hu li arresta lill-imputat u fuqu instabu l-manetti li kien harab bihom.[20]

Xehed **PC 1541 Joseph Agius** u ikkonferma li kien hu u PC 702 li arrestaw lill-imputat u ikkonferma l-verzjoni ta' PC 702.[21]

Xehdet **Joyce Agius** nhar it-3 ta' Gunju 2019 li ikkonfermat il-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest tal-imputat.[22]

Xehdet l-**iSpettur Paula Ciantar** li spjegat li hija kienet involuta f'xi kazijiet fejn l-imputat xellef difrejh mal-gustizzja. Hija ikkonfermat id-digriet tal-helsien mill-arrest.[23]

Xehed **David Mellows** impjegat tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin li jghid li minn meta l-imputat dahal fuq dan il-kaz ma kienx hemm rapporti hziena fuqu u t-testijiet ghad-droga kienu negattivi.[24]

---

[18] Folio 139 tal-process.

[19] Folio 148 tal-process.

[20] Folio 153 tal-process.

[21] Folio 155 tal-process.

[22] Folio 157 tal-process. Kundizzjonijiet a folio 159 tal-process.

[23] Folio 163 tal-process.

Xehdet **Deborah Farrugia** mid-Dipartiment tal-Probation u Parole nhar l-10 ta' Settembru 2019 fejn tispjega li hu kien dahal San Blas u issospendewh minhabba li ma kienx qed jifhem il-kuncett ta' kif jahdem il-programm.[25] Fil-habs il-kampjun tal-urina tieghu kien ikun nadif. Tghid li fil-habs ikun impenjat b'xoghol. Tghid li l-ahjar biex imur programm mill-habs irid ikollu sentenza tal-anqas ta' sena.[26]

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat qed jigi akkuzat b'serq, hsara volontarja[27] kif ukoll li harab mill-kustodja tal-pulizija waqt li kien arrestat fl-ghassa ta' Hal-Qormi in konnessjoni mas-serqa tal-vettura.

L-Artikoli tal-ligi relevanti ghall-harba minn postijiet ta' kustodja huma is-segwenti:

'FUQ IL-VJOLAZZJONI TA' POSTIJIET TA' KUSTODJA PUBBLIKA, FUQ IL-ĦARBA TA' ARRESTATI JEW SUSPETTI JEW IKKUNDANNATI U FUQ ĦABI TA' ĦATJIN

---

[24] Folio 176 tal-process.

[25] Folio 181 tal-process.

[26] Folio 188 il-Qorti irreferit il-kaz lil Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga nhar l-4 ta' Ottubru 2019. Sa 28/9/20 jidher li l-imputat kien motivat fil-programm tieghu (Folio 208 tal-process). Updated 23/10/20 motivazzjoni ghada hemm (Folio 216 tal-process). Email datat 4.1.2021 qieghed il-habs u hu motivat biex jiggieled il-problema tad-droga (Folio 221 tal-process). Folio 223 hemm update tas-sitwazzjoni. Mir-rapport a folio 234 tal-process jidher li l-urin tests sal- 5.1.21 kienu negattiv pero' f'Lulju 2021 u Settembru 2021 hu kellu zewg rapport negattivi fil-habs talli ircieva oggetti projbiti. Il-Bord irraporta li l-imputat ghamel progress kbir u l-kaz inaghlaq b' success (Folio 237 tal-process datat 30 ta' Mejju 2022). Rapport a folio 277 minn Ms. Lorraine Mifsud jghid li l-istqarrijiet tal-imputat huma kontradittorji. Fil-rapport hemm imnizzel is-segwenti '**if he will apply for bail to go back in the community, there are higher chances for the client to get lost**.'

[27] Artikoli 261, 267, 271 u 325(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

151. Kull ikkundannat u kull priġunier ieħor li jinsab ħati ta’ ħarba sempliċi mill-ħabs jew mill-kustodja tal-persuna jew tal-persuni nkarigati mill-kustodja tiegħu, jeħel il-piena ta’ priġunerija għal żmien mhux inqas minn sitt xhur iżda mhux iżjed minn sena.

F’dan l-artikolu "priġunier" tfisser kull persuna li tkun miżmuma f’ħabs u tinkludi priġunier filwaqt li jkun qed jinġarr għal jew minn ħabs għal ieħor jew filwaqt li jkun qiegħed taħt kura jew osservazzjoni f’xi sptar.

160. Id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 151 sal-159 inklużivament igħoddu fil-każ ta’ ħarba ta’ persuni, miżmuma skont il-liġi, minn lok maħtur għall-kustodja tagħhom.’

**Ikkunsidrat:**

Mill-atti jirrizulta ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li l-imputat seraq il-vettura li kienet f’kundizzjoni tajba u li meta instabet il-vettura kellha diversi hsarat u dan kif gie konfermat ukoll mid-diversi xhieda mressqa mill-Prosekuzzjoni, kif aktar ‘il fuq spjegat.

Il-Qorti hija ukoll sodisfatta li l-prosekuzzjoni irnexxielha tipprova li l-imputat huwa recediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta kif ukoll li kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta’ provizorja in konnessjoni mad-digriet tal-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali ippreseduta mill-Onorevoli Imhallef Edwina Grima tal-10 ta’ Ottubru 2018.

In vista tax-xhieda moghtija mill-ufficcjali tal-pulizija, din il-Qorti hija ukoll sodisfatta li waqt li kien arrestat in konnessjoni mal-

investigazzjoni tas-serqa tal-vettura hu harab mill-ghassa tal-pulizija ta' Hal-Qormi.

Fuq dan l-ahhar punt din il-Qorti tirrileva li l-Qorti tal-Appell Kriminali ghar-rigward ta' harbiet mill-ghases tal-Pulizija kellha linji ta' hsieb differenti. Din il-Qorti ikkonstatat li d-decizjonijiet tal-Qorti in materja m'humiex uniformi, uhud jghidu li kif inhu postulat, l-artikoli 151 u 160 ma jistax jissussisti dan ir-reat ghax l-ghases tal-pulizija mhux post ta' kustodja. Hekk intqal per ezempju mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawzi **Il-Pulizija vs Carl Ciantar**[28] (App. Nru. 284/2016) deciz fis-26 ta' Frar 2018 u **Il-Pulizija vs Leon Borg**[29] (App. Nru. 358/2017) deciz fl-1 ta' Frar 2018, it-tnejn mill-Onorevoli Imhallef Giovanni Grixti. Aktar recentement pero' l-istess Qorti tal-Appell din id-darba ppreseduta mill-Onorevoli Imhallef Neville Camilleri fis-sentenza **Il-Pulizija vs Carl Bonnici**[30] (App. Nru. 117/2019) deciz fl-14 ta' Marzu 2024 sahqet li persuna arrestata u li tahrab minn ghassa ghandha tinsab hatja tar-reati addebitata lilha ai termini tal-artikoli hawn fuq citati.

**Din il-Qorti taqbel mal-ahhar interpretazzjoni li tat il-Qorti tal-Appell Kriminali ghalkemm izzid li tajjeb li l-legislatur jiccara b' aktar precizjoni l-artikoli in kwistjoni u jelenka b'mod ezawrjenti liema huma l-postijiet ta' kustodja fil-gzejjer Maltin.**

**Ikkunsidrat:**

Illi l-prosekuzzjoni ghalqet l-istadju tal-provi taghha fis-seduta tat-03 ta' Gunju 2019[31].

[28] Pagna 4 – 6 tas-sentenza.

[29] Pagna 4-5 tas-sentenza.

[30] Pagna 6- 7 tas-sentenza.

[31] Folio 156 tal-process.

Illi minkejja s-seduti kollha mizmuma minn din il-Qorti sabiex id-difiza tressaq il-provi taghha, fis-seduta tal-10 t'April 2024, kwazi hames snin wara d-difiza iddikjarat li "l-imputat mhux ser jixhed u m'ghandux provi xi jressaq.."[32].

Illi in oltre minkejja illi gie riservat il-kontro-ezami tax-xhieda kollha li tressqu, fl-ebda hin ma sar kontro-ezami ta' xi xhud jew iehor.

**Ghaldaqstant, din il-Qorti wara li rat l-atti kollha u n-nuqqas ta' kontestazzjoni tal-imputat fejn il-verzjonijiet moghtija mix-xhieda ma gew kontestati bl-ebda mod, il-Qorti tqis illi ghandha toqghod fuq ix-xhieda moghtija u tqis li l-akkuzi kollha jirrizultaw ppruvati u ghandha tinstab htija fl-imputat.**

**Ikkunsidrat:**

Bhala difiza tieghu l-imputat jissottometti li dak li ghamel kien minhabba l-uzu u il-vizzju qerriedi tad-droga. Din il-Qorti kif ppreseduta diga' ikkonvertiet ruha f'Qorti tad-Droga u baghtet lill-imputat quddiem il-Bord ghar-Rijabilitazzjoni ta' Peruni li jinqabdu bid-Droga sabiex jirriabilita' ruhu. L-appellant ma jistax jipponta ruhu lejn din il-Qorti u jghid li ma taghtux opprtunita' li jindirizza l-problema akuta tad-droga f'dawn l-ahhar hames (5) li ilha tkaxkar din il-kawza. Jirrizulta li meta jkun il-habu js l-imputat gib ruhu pressa poco sew, joqghod 'l boghod mid-droga u jahdem bi profitt ghalih. Dan hu kollu posittiv. Jidher li pero' meta johrog mill-konfini tal-habs hu jbiddel l-atitudni u jerga' jaqa' ghal vizzju tad-droga u s-serq. Barra minn dan jidher li hu diga' beda programm ta' rijabilitazzjoni tad-droga pero' twaqqaf ghax ma kienx qed jikkopera u jifhem l-iskop tal-programm. Jirrizulta mill-atti li jekk l-imputat jerga' jinghata ic-cans BARRA l-

[32] Folio 250 tal-process.

konfini tal-habs mhux ser ikun kapaci jimxi fi triq tas-sewwa. Anki id-digriet ta' helsien mill-arrest datat 29 ta' Awwissu 2024 mill-Qorti tal-Appell Kriminali per Onorevoli Imhallef Aaron M. Bugeja, dokument X esebit mid-difiza fis-seduta tad-09 ta' Dicembru 2024, jaghmel kundizzjonijiet iebsa hafna li hu jrid bil-fors josserva. Xi haga li din il-Qorti hija imhassba li fil-prattika jista' jwettaq jekk ma jkunx fi spazju ikkontrollat bhal ma hija il-Facilita' Korrettiva ta' Kordin.

Din il-Qorti ma tistax tinjora ukoll li l-imputat ghandu fedina penali ikkulurita' kif ukoll li ghadu ma hallasx lill-vittma tar-reat u minflok il-flus li qala' tul dan il-perjodu twil tal-kawza intefqu fuq drogi! Din il-Qorti ghandha dmir ukoll li tipprotegi lill-vittmi tal-kriminalita u ma thallix lill-imputat jaghmel vittmi godda.

**Ikkunsidrat:**

Ghar-rigward ta' piena l-Qorti, wara li hasbet fit-tul u qieset il-fatturi li hija hawn fuq elenkat, tqis li l-piena ta' prigunerija effettiva hija idonea biex b'hekk id-Direttur tal-Facilita' jilhaq ifassal dak il-programm necessarju bil-ghan li l-imputat jirkupra mill-vizzju qerriedi tad-droga u jindirizza problemi ohra li jista' jkollu. B'hekk hu jkun jista' jintbaghat fl-ahhar sena tas-sentenza fi programm biex jirrijabilita ruhu ghal kollox mid-droga u jitghallem jghix fis-socjeta'.

**Decide:**

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti wara li rat l-artikoli 49, 50, 151, 160, 261, 267, 271, 289, 325(b), 579 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib l-imputat **ABDULSALAM BEN HAMED HATI** tal-akkuzi kollha dedotti fil-konfront tieghu u qed tikkundannah ghall-

piena ta' **prigunerija effettiva ta' tmintax (18)-il xahar**[33] li minnhom ghandu jitnaqqas il-perjodu li  l-imputat ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dawn il-proceduri.

Il-Qorti qeghda tohrog **Ordni ta' Pagament** kontra l-hati u qed tordna li ai termini tal-artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta il-hati Abdulsalam Ben Hadem jikkumpensa lill-vittma Maria Concetta Casha fis-somma ta' hames mija u hamsa u erbghin Ewro u hamsa u tletin centezmu **(€545.35c) fi zmien xahar minn meta din is-sentenza ssir res judicata**.  Din l-ordni tikkostitwixxi titolu ezekuttiv ghall-finijiet u effetti kollha tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta[34].

Il-Qorti qeghda wkoll tordna l-**konfiska tad-depozitu** fl-ammont ta' elf Ewro (€1,000) imhallas mill-imputat ai termini tad-digriet tal-helsien mill-arrest moghti mill-Qorti tal-Appell Kriminali ippreseduta mill-Onorevoli Imhallef Edwina Grima datat 10 ta' Ottubru 2018, kif ukoll il-Qorti qeghda **tordna l-konfiska fl-ammont ta' elf Ewro (€1,000) mill-ammont ta' garanzija personali** ta' ghaxart' elef Ewro li l-hati kien obbliga ruhu ai termini ta' l-istess digriet tal-helsien mill-arrest moghti mill-Qorti tal-Appell Kriminali ippreseduta mill-Onorevoli Imhallef Edwina Grima datat 10 ta' Ottubru 2018 bhala garanzija personali, u dan ai termini tal-artikolu 579 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema somom ghandhom jghaddu favur il-Gvern ta' Malta.  Il-Qorti mhix qed tirrevoka l-helsien mill-arrest moghti that l-istess digriet.

Finalment, il-Qorti tirrakkomanda lid-Direttur tal-Agenzija ghas-Servizzi Korrettivi biex immedjatament jibda l-preparamenti mehtiega

[33] Ara artikoli 279 u 280.  Terminu jvarja minn 5 xhur sa 3 snin minghajr ir-recediva fuq serq aggravat biss.

[34] Folio 62 sa 64 tal-process.

sabiex l-imputat jinghata kull ghajnuna possibbli biex jaghmel programm ta' rijabilitazzjoni mid-droga.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi ikkomunikata lill-Ispeaker tal-Kamra tar-Rapprezentanti, lill-Ministru tal-Gustizzja kif ukoll lill-Ministru tal-Intern u s-Sigurta' Nazzjonali sabiex jigi kunsidrat u jsiru l-emendi mehtiega rigward dak li tipprovdi l-ligi dwar il-postijiet ta' kustodja, ghar-ragunijiet aktar 'l fuq spjegati.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem car u semplici l-obbligi tieghu taht din is-sentenza u l-konsegwenzi jekk huwa ma jonorax l-istess.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tinghata lill-partijiet u li kopja tal-imsemmija sentenza titpogga fuq is-sistema online tal-Agenzija tal-Qrati minnufih.

Moghtija illum 19 ta' Dicembru 2024 fil-bini tal-Qorti, f'Malta.

**Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.**
**Magistrat**

Annalise Mifsud
Deputat Registratur